MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 828/2011

**Roderick Giordimaina**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta’ Awissu 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru 4637 tas-sena 1978 anness u mmarkat Dok A l-kunjom tiegħu, fil-kolonna “isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier” jidher bħala “Giordimania”.

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta’ missier ir-rikorrenti maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru 3517 tas-

sena 1954 anness u mmarkat Dok B l-kunjom tiegħu fil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidher bħala "Giordmaina";

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' oħt ir-rikorrenti maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru 1394 tas-sena 1980 anness u mmarkat Dok C il-kunjom tagħha fil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidher bħala "Giordmaina";

Illi fi ċ-ċertifikat tat-twelid ta' tieni oħt ir-rikorrenti maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bin-numru 1773 tas-sena 1982 anness u mmarkat Dok D il-kunjom tagħha fil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" jidher bħala "Giordmaina";

Illi l-kunjom proprja 'Giordmaina' huwa rifless fid-dokument tal-karta tal-identita' tal-missier, omm u oħt ir-rikorrenti, li kopja tagħhom qegħdin jiġu annessi u mmarkata bħala Dok E, F u G rispettivament, kif ukoll dokumenti oħra, li kopja tagħhom qed jiġu annessi u mmarkati bħala Dok H;

Illi *nonostante* dak li ngħad fil-premessa preċedenti, l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-kunjom "Giordimania";

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti;

Illi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, din l-inkonsistenza fil-kunjom tar-rikorrent seħħew biss minħabba żbalji li saru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew impjegati tiegħu, u għalhekk ir-rikorrenti m'għandux jinkorri l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri:

Illi r-rikorrenti għandu interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir id-debita korrezzjoni;

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara li l-kunjom tar-rikorrenti għandu jkun "Giordmaina" u mhux "Giordimania" jew "Giordimaina";

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat Dok A minnu maħruġ bin-numru erbgħa, sitta, tlieta, sebgħa (4637) tas-sena elf, disa' mija tmienja u sebgħin (1978), fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier" il-kunjom "Giordimania" jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom "Giordmaina";

3. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv tal-istess rikorrenti, u ċjoe' l-att taż-żwieġ bin-numru tar-reġistrazzjoni 1233/2011 anness u mmarkat bħala Dok I

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fl-24 ta' Ottubru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta' kunjom ir-rikorrenti minn "Giordimania" u "Giordimaina" għal "Giordmaina", salv però li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 4637/1978 u fl-att taż-żwieġ li jġib in-numru ta' skrizzjoni 1233/2011 u dan għar-raguni li fl-imsemmija atti ta' twelid u taż-żwieġ kien propriju missier ir-rikorrenti Emmanuel u r-rikorrenti stess flimkien ma' martu li kienu d-dikjaranti fl-imsemmija atti rispettivi u taw l-informazzjoni kollha li mbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikati tar-rikorrenti u saħansitra ffirmaw l-istess atti.

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2011 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata billi jidher ċar li huwa każ ta' *lapsus calami*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball fiċ-ċertifikat taż-żwieġ iżda oriġinarjament kien żball ta' xi uffiċjal pubbliku li wassal biex l-attur kellu jiftaħ il-kawża. Il-Qorti se tieħu dan in konsiderazzjoni meta se tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------